QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
SEZZJONI ĠENERALI

MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 38/2025 BS**

**Aleksandr Prokoptsuk**

**-vs-**

**Skyline Projects Limited**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur illi premetta;**

1. Illi l-attur daħal f'żewġt konvenji mal-kumpanija konvenuta Għawdex, t-tnejn datati 16 ta' Frar 2024 - l-ewwel wieħed relattiv għal kompravendita tal-fond ossia appartament internament markat numru disgħa (9) (second floor) Pearl Court , Triq Indri Borg, Xewkija, Għawdex liema fond kien għad irid jinbena, kif aħjar deskritt fl-istess konvenju, u it-tieni wieħed relattiv għal kompravendita tal-fond ossia garage internament markat numru ħdax (11) (basement level) Pearl

Court, triq Indri Borg, Xewkija, Għawdex liema fond kien għad irid jinbena, kif aħjar deskritt fl-istess konvenju.

2. Illi dawn il-konvenji ġew debitament reġistrati mad-dipartiment tat-Taxxi bin-numri PS 202402969 u PS 202402968 rispettivament. Illi dawn il-konvenju jagħlqu fil-31 ta' Marzu 2025.

3. Illi fuq dawn il-konvenji l-attur ħallas depożiti akkont tal-prezz.

4. Illi dawn il-konvenji kienu jgħalqu it-tnejn fil-31 ta' Marzu 2025.

5. Illi permezz ta' ittra uffiċċjali numru 158/2025 preżentata f'din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2025, l-attur sejjaħ lil kumpanija konvenuta sabiex tersaq għal l-att ta' bejgħ relattivi jew altrimentti tirrifondi lura d-depożitu mħallas fuq dawn iż-żewgt konvenji bl-imgħax.

6. Illi l-kumpanija konvenuta ma resqitx għal l-att finali u jirriżulta illi l-anqas hi f'posizzjoni li tagħmel dan.

7. Illi d-depożitu mħallas fuq iż-żewġt konvenji huwa ta' sebgħin elf Ewro (€ 70,000)

8. Illi l-esponenti jemmen illi dan id-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u l-konvenuta ma għandha l-ebda eċċezzjonijiet xi tqajjem u għalhekk din il-qorti tista tmexxi dan il-proċediment bid-dispensa tas-smigħ skond kif jipprovdi l-artikolu 167 tal-Kap XII tal-liġijiet ta' Malta.

9. Illi dan ir-rikors u l-kontenut tiegħu qed jiġu kkonfermati bil-ġurament mill-attur li għandu konoxxenza vera u propia tal-fatti suesposti.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-kreditu pretiż huwa id-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u l-konvenuta ma għandha l-ebda eċċezzjonijiet xi

tqajjem u għalhekk din il-qorti tista tmexxi dan il-proċediment bid-dispensa tas-smigħ skond kif jipprovdi l-artikolu 167 tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-konvenuta hija tenuta tirrifondi lura lil attur id-depożitu mħallas fuq ż-żewġt konvenji fuq imsemmija fuq total ta' € 70,000.

3. Tikkundanna lil kumpanija konvenuta sabiex tħallas lil attur is-somma ta' sebgħin elf Ewro (€ 70,000) bl-imgħax mis-16 ta' Frar 2024 sad-data tal l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kollha nkluża VAT u nklużi l-ispejjes ta' l-ittra uffiċċjali 158/2025 tal-25 ta' Marzu 2025 u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni.

Noting that on the sitting of the 21st May, 2025, this Court acceded to the request advanced by counsel for the plaintiff and therefore the proceedings were henceforth conducted in the English language;

Noting that during the same sitting the defendant company filed a note whereby it admitted to all of the plaintiff's claims;

Noting also the agreement reached by the parties that interest started accruing from the 31st of March, 2025;

The Court is therefore of the opinion that since the defendant company has admitted to the claims advanced by the plaintiff, then such claims have been proven according to law.

**Decide.**

On the strength of the afore mentioned deliberations, this Court is hereby upholding all the claims advanced by the plaintiff.

Orders that the costs shall be borne by the defendant company with interest due from the 31st March 2025 till full payment is made and this

in line with what was agreed to between the parties during the sitting dating 21st May, 2025.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrate

(ft.) Daniel Sacco
Deputy Registrar

True Copy

For the Registrar